MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 176/2015

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

ILLI l-partijiet kienu żżewwġu fil-wiehed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala ‘Dok. A’;

ILLI l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar erba’ (4) snin, u cioe’ mis-sbatax (17) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011), kif ukoll legalment separati a tenur ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Reuben Debono datat tmienja (8) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011) kif jirriżulta mill-kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bħala ‘Dok. B’;

ILLI minn tali zwieg ma kellhomx ulied;

ILLI fiċ-ċirkostanzi prevalenti m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar erba’ (4) snin u legalment separati ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin u tmin (8) xhur , u kull parti qed ssegwi ħajja totalment indipendenti minn xulxin;

ILLI ma hemm l-ebda obbligu ta’ hlas ta’ manteniment bejn il-partijiet;

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fit-terminu mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li permezz taghha tikkonferma :

1. Illi l-partijiet fil-kawza de quo ilhom separati ghal dawn l-ahhar erba' snin u cioe' mis-17 ta' Jannar 2011 u legalment separati permezz ta' att pubbliku ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono datat it-8 ta' Awissu 2011;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi ddekadew mill-obbligu tal-hlas ta' manteniment lil xulxin u ghalhekk ma tezisti l-ebda pendenza fil-konfront ta' xulxin;
4. Illi ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;
5. Illi taqbel mat-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar erba' snin u legalment separati mit-8 ta' Awissu 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------